TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/118/21/S

Martin Bonello

vs

J.J. Scerri Co. Ltd

Illum 18 t'April, 2024

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Martin Bonello ppreżentata fit-22 ta' Lulju, 2021 u r-risposta tas-soċjetà J.J. Scerri Co. Ltd ppreżentata fit-30 ta' Settembru, 2021;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet, u kif ukoll it-trattazzjoni tagħhom magħmula fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda friġġ illi ġralha l-ħsara u li fil-frattemp, ir-rikorrenti kien ingħata oħra biex jinqeda';

Illi min-naħa tagħha, s-soċjetà ntimata tirrileva illi l-garanzija tgħajjat lil soċjetà terza u ċioé lil San Giuliano Catering Ltd u fl-ebda punt tal-proċeduri, r-rikorrenti ma kkjarifika x'inhi r-relazzjoni tiegħu ma' din is-soċjetà;

Illi l-unika ħaġa li semma' r-rikorrenti fir-rigward tas-soċjetà San Giuliano Catering Ltd, hu illi l-istess Martin Bonello kien jaħdem ma' din is-soċjetà;

Min-naħa l-oħra rappreżentant tas-soċjeta' ntimata xehed illi l-imsemmija friġġ ġiet ikkonsenjata lil din is-soċjeta' fl-indirizz Nru. 4, Triq San Ġużepp, San Ġiljan u mhux fir-residenza tar-rikorrenti;

Illi għalhekk ir-rikorrenti ma jistax iressaq tali ilment meta l-imsemmija friġġ tgħajjat lil soċjetà terza li mhix parti minn dawn il-proċeduri;

Illi kopja tal-garanzija fil-fatt ġiet ippreżentata mir-rikorrenti stess;

Illi għalhekk kwalunkwe talba fir-rigward tal-oġġett in kwistjoni kellha titressaq mis-soċjetà illi skont id-dokumentazzjoni ippreżentata, xtrat kif ukoll ġiet konsenjata lilha l-imsemmija friġġ;

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Martin Bonello, filwaqt illi Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà J.J. Scerri Co. Ltd, u b'dan li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru